# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Novembru - Diċembru 1986 Nru. 33


Trinn!! Trinn!! Qalbi għamlet tikk, erfajt it-telefon. Kien l-Editur li b'leħen imqit staqsieni meta ser nagħtih l-artiklu li kont wegħedtu. Għidtlu li siegħa oħra neħodulu jiena stess id-dar tiegħu. Qata'. Kelli siegħa żmien biex nikteb dan l-artiklu..... iżda fuqhiex?.....Fuqiex? Ħarsti waqfet fuq daqxejn ta' presepju li kelli quddiemi. Taf x'nagħmel? Nintervista lil dawk il-personaġġi li kelli quddiemi. U nista' ngħid li rnexxieli nagħmel.....

## L-ISBAĦ INTERVISTA TA' ĦAJTI

**MADONNA:**

**Rivista:** *Marija qed narak ħosbiena. X'Inhu jinkwetak? Jaqaw l-għar?*

**Marija:** Le! L-Għar huwa kenni u għalaq barra l-kesħa tax-xitwa. Li qiegħed jinkwetani hu li min jaf kemm nies bħal dawk ta' Betlem għad jagħlqu l-bieb f'wicc minn iħabbtilhom għall-għajnuna, bħalma għamlulna lili u 'l Ġużeppi dan il-lejl.

**Rivista:** *Imma għaliex jagħmlu hekk?*

**Marija:** Għax propju ma fehmu xejn minn dak li għallimhom Ibni stess. Qalilhom biex jgħinu lil xulxin, biex iħobbu lil xulxin..... biex iħennu għal xulxin.

**Rivista:** *Taħseb int li jekk iħabbtilhom Ġesu' stess ma jifthulux?*

**Marija:** Jekk jittendu li Huwa Ġesu' stess li qed iħabbat, jista' jkun li jiftħulu; iżda jekk fuq il-għatba tal-bieb jaraw xiħa mqanfda, jew tfajjel bil-ġuħ, ibqa' cert li ma jiftħulux. U lili dan jinkwetani. Għax allura għal dawn in-nies Betlem ma jfisser xejn.

**ĠUŻEPPI:**

**Rivista:** *Ġużeppi għid is-sewwa: ma tħossokx kburi qrib il-benniena ta' Ġesu'?*

**Ġużeppi:** Ħafna. Iżda mhux għaliex qiegħed ħdejn il-benniena ta' Ġesu'. Inħosni kburi li bix-xogħol tiegħi jiena qdejt missjoni. Fhimt li x-xogħol iqaddes lill-bniedem u jressqu lejn il-Ħallieq.

**Rivista:** *Allura trid tgħid li l-ħaddiema kollha ser isiru qaddisin?*

**Ġużeppi:** Dawk il-ħaddiema li jifhmu li x-xogħol mhux kastig, dawk li jaccettaw li b'ħidmithom ikunu qed jagħtu ġieħ lil Alla, dawk, iva, dawk isiru qaddisin.

**ANĠLU:**

**Rivista:** *Int, sur Anġlu, għax l-anqas naf kif ser nindirizzak: x'sehem kellek fil-ġrajja tal-Milied, biex tawk dak il-post daqstant prominenti?*

**Anġlu:** Jaqaw qed tgħir għalija? Jien x'tort għandi li qegħduni fin-nofs, fuq il-grotta u għajnejn kulħadd l-ewwel jaqgħu fuqi. Jiena kulma għamilt hu dak li qalli nagħmel il-Mulej; la iżjed u l-anqas inqas! Bagħatni nwassal l-aħbar it-tajba, u wassaltha kif qalhieli Hu, bla ma żidt jew naqqast.

**Rivista:** *Imma illum spicca xogħolok. Għandna l-mezzi tal-komunikazzjoni socjali. Aħbar, f'tebqa t'għajn iddur mad-dinja.*

ikompli f'paġna 2



# IL-MILIED IT-TAJJEB LIL KULĦADD

"IL-BELT VICTORIA"
Rivista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## EDITORJAL

### LEJN TMIEM IS-SENA TAL-PAĊI

Bil-mod il-mod qed noqorbu lejn tmiem is-sena 1986 - Is-Sena tal-Paċi. Fl-Editorjal tagħna tal-ħarġa ta' din ir-rivista ta' Jannar-Frar 1986 konna għidna li jekk trid il-paċi trid tiġġieled għaliha int.

Issa għaddew ix-xhur u jkun sewwa li nħarsu lura lejn dawn ix-xhur li għaddew minn din is-sena u naraw x'kellna ħila nagħmlu. Tgħid ħallejna l-1986 tgħaddi minn fuqna bħalma għaddew is-snin ta' qabilha? Tgħid ħallejna fuq il-karta biss l-isem tal-Paċi li ngħata lil din is-sena?

Biex din is-sena setgħet tkun sena tal-paċi għalik ridt tara li l-ewwel u qabel kollox issib il-paċi fik innifsek. Għamilt xi pass biex tnaqqas l-egoiżmu tiegħek? Biex tnaqqas il-passjonijiet tiegħek? Biex tnaqqas l-għira tiegħek? Biex tfarfar ftit mil-piki żejda li għandek? Biex twarrab ftit mill-fanatiżmu li kellek? Biex tinża' ftit mill-bluha tiegħek? Jekk M'għaraftx issib il-paċi miegħek stess, din is-sena tal-paċi ġiet għalxejn għalik. Kienet moħlija.

Jekk irnexxielek issib il-paċi miegħek innifsek, kont kapaċi tkun strument tal-paċi ma xi ħadd madwarek? Kemm hu sewwa li wara li tkun sibt il-paċi f'qalbek tnewwilha u taqsamha ma' ħaddieħor. Kemm hu sewwa jekk irnexxielek iġġib il-paċi imqar f'qalb oħra li kellha bżonn il-paċi. Forsi biex tagħmel hekk ridt tbaxxi rasek xi ftit. Ridt forsi tumilja ruħħek xi ftit. Ridt forsi tbati xi ftit. Imma jekk irnexxielek tagħmel dan tajt rigal li m'hawnx prezzu.

Matul din is-sena fir-rivista tagħna ġibna sensielha ta' artikli dwar nies li ħadmu għall-paċi. Ridna li f'kull ħarġa ma ninsewx li din hija s-sena tal-paċi u ktibna dwar min ħadem u anke miet għall-paċi. Ridna li dawn in-nies ikunu ta' eżempju ħaj għalina biex nimitawhom u fuq l-eżempju tagħhom naħdmu u niġġieldu aħna wkoll għall-Paċi.

Baqa' ftit ġimgħat għall-tmiem is-sena tal-Paċi. Baqa' iċ-ċans li dak li forsi m'għamilniex fix-xhur li għaddew nagħmluh issa. Fl-aħħar mill-aħħar irridu aħna stess li nagħmlu mill-1986 is-Sena tal-Paċi.

### 50 Ċenteżmu għar-Rivista Tagħna

**Ħafna taw sehemhom biex jgħinu r-rivista tagħna u bagħtu l-envelope li qassamna ma' l-aħħar ħarġa tar-rivista. Jekk għad hemm minn forsi kien xi ftit imħabbat u ma setax jagħmel l-offerta tiegħu, dan għadu jista' jsir mad-distributri jew fl-Uffiċċju Parrokkjali. Lil dawk li ġa taw l-offerta tagħhom nirringrazzjawhom mill-qalb għall-ġenerożita' li wrew mar-rivista tal-parroċċa tagħna. B'kollox inġabru Lm236.**

### L-ISBAĦ INTERVISTA TA' ĦAJTI

*jaqbad minn paġna 1*

**Anġlu:** Ħabib, dment li l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali jibqgħu jwasslu aħbar kif iridu huma u mhux kif fil-fatt hi, żgur li ser jibqgħli x'nagħmel fid-dinja tagħkom.

#### MISTAGĦĠEB TAL-PRESEPJU:

**Rivista:** *Sinjur, jiena lili ddaħħakni: narak tiftaħ idejk u tistagħġeb daqshekk. Mela x'rajt?*

**Mistagħġeb:** Kont qed nara l-Messija, is-Salvatur, ckejken tarbija. Imma int min jaf kemm il-darba kellek b'hiex tistagħġb u ma stagħġibtx. Mela ħolqien ġdid ta' tarbija mhix ħaġa tal-għaġeb? It-tlugħ u nżul ix-xemx mhux seher li ma jitfissirx? Qatt stagħġibt, b'tarbija jew inkella bix-xemx, ħabib?

**Rivista:** *Iva, iżda meta kont għadni żgħir.*

**Mistagħġeb:** Allura issa li kbirt, kollox fhimt?.....ma nagħmlux mod li aħjar kieku bqajt żgħir, hux?

#### IT-TLETT SLATEN MAĠI

**Rivista:** *Sire': Issa dan tagħkom mhux ġenn? Timxu wara kewkba?*

**Slaten:** Għaliex qed teħodha bi kbira, sinjur? Mhux kulħadd miġnun fuq xi ħaġa? M'hawnx min hu miġnun fuq il-ballun, jew inkella fuq il-kaċċa? M'hawnx min hu miġnun fuq il-films u oħrajn fuq il-bolli? Aħna ffissajna fuq kewkba. Iżda ma waqafniex fuqha, iżda imxejna warajha, terraqna fit-tul, għax fhimna li l-kewkba kienet biss sinjal.

**Rivista:** *X'jiġifieri?*

**Slaten:** Ara, ħabib: jiġru ħafna affarijiet madwarkom. Ħażin għalikom tieqfu ma' dak biss li jkun ġara. Wara kull storja jkun hemm tagħlima. Tkunux boloh: ippruvaw fittxu t-tagħlim, bħalma għamilna aħna, avolja swietilna xogħol, ħin u għejja.

#### ĠESU'TARBIJA:

**Rivista:** *Ħallejtek għall-aħħar, Ġesu' Tarbija. Għax emminni, x'ser naqbad insaqsik? Kuntent bil-għar, għaliex ngħidlek il-veru narah kemmxejn baxx għalik?*

**Ġesu':** Għalhekk għażiltu dan il-għar: qatt ħadd ma ħa permess biex jidħol f'għar. Ara kieku f'palazz, kemm permessi trid taqla' kemm bibien trid tħabbat.....hawnhekk, ħabib, il-bieb miftuħ għal kulħadd..... u idejja miftuħa beraħ biex nilqa' lil kulħadd.

**Rivista:** *Imma hemm xi ħaġa li wieħed irid jagħmel biex jidħol ħdejk?*

**Ġesu':** Int stess għadek kif għidt li l-għar baxx. Kull min irid jidħol hawn ħdejja, irid ibaxxi rasu, irid joqgħod attent li ma jaħbatx rasu mas-saqaf, irid jilbes l-umilta'.....dan biss nistenna mingħandkom: li tkunu umli u tħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien..... Dan hu r-rigal tiegħi għalikom:

ĦOBBU LIL XULXIN U JKOLLKOM IL-PAĊI,
ĦOBBU LIL XULXIN U JKOLLKOM IL-ĠID,
ĦOBBU LIL XULXIN U TGĦIXU GĦAL DEJJEM.

### ĦINIJIET TAL-QUDDIES

***(fil-għaxija)***

***Matul il-ġimgħa: 5.00 p.m. u 6.00 p.m.***

***Ħdud u Festi: 4.00 p.m. u 5.30 p.m.***

# STRUTTURA U TEMI TAL-LITURĠIJA TAL-ĦDUD U L-FESTI TA' L-AVVENT U L-MILIED

*minn Rev. Joseph Farrugia S.Th.D.*

**Aħna l-insara nistqarru, u dan tassew hu, illi għalkemm ngħixu fid-dinja, m'aħniex tad-dinja. Il-ħajja tagħna, infatti, ma ngħixuhiex biss skond in-natura li rċivejna fit-tnissil tagħna bħala bnedmin, imma ngħixuha wkoll skond il-grazzja li rċivejna fit-tnissil tagħna bħala wlied Alla. Għalhekk iż-żmien li aħna nqattgħu fid-dinja huwa żmien li għandu valur mhux biss naturali iżda wkoll divin għax hu żmien ta' grazzja.**

Dan iż-**żmien ta' grazzja** l-Knisja tfissru u turih fl-istess ħajja tagħna. Jekk ngħidu mal-Konċilju Vatikan II illi l-ogħla espressjoni tal-ħajja tal-Knisja nsibuha fl-għemil liturġiku tagħna (SC 10), irridu ngħidu wkoll li ż-żmien ta' grazzja li aħna l-insara ngħixu fuq l-art jitfisser u jidher l-aktar fil-ħajja liturġika tal-Knisja, jiġifieri fil-qima li hi tagħti lil Alla u fil-ħidma evanġelika u sagramentali li hi twettaq għas-salvazzjoni tal-bnedmin.

Bħalma l-istorja tas-salvazzjoni hija mqassma f'epoki u l-istess ħajja ta' Kristu kienet imfassla minn mumenti u ġrajjiet diversi, hekk ukoll il-ħajja liturġika tal-Knisja hija mqassma u mfassla skond il-ġrajjiet ta' fidi, ix-xewqat ta' tama u l-ħidmiet ta' mħabba - ilkoll kemm huma frott il-grazzja - li jifformaw il-proġett ta' ħajja li Alla għandu għal kull membru tal-Knisja tiegħu. Ma nistgħux nieqfu, hawnhekk, u nidħlu aktar fil-fond ta' dan li qed ngħidu. Li rridu naslu biex nifhmu huwa li **d-diversi żminijiet tas-sena kif tqassamhom liturġikament il-Knisja,** jiġifieri ż-żmien ta' l-Avvent, tal-Milied, tar-Randan, tal-Għid u ta' Matul is-Sena, **huma espressjoni** (tifsira u turija) **tad-diversita' ta' grazzji li Alla jxerred fuqna l-insara** sakemm aħna qed ngħixu fuq din l-art.

Fil-ġimgħat li ġejjin sejrin ngħixu **l-ewwel żewġ żminijiet tas-sena liturġika** tal-Knisja. L-Avvent u l-Milied mhux biss ifissrulna d-diversita' ta' grazzji li nirċievu iżda wkoll jipprovduna b'okkażjonijiet speċjali ta' grazzji ġodda li jressquna lejn maturita' nisranija akbar u jdaħħluna aktar fil-fond tal-misteru ta' Kristu li l-istess żminijiet ifissru (SC 102). Ta' dan niksbu ħjiel anki jekk nagħtu biss daqqa t' għajn lejn it-temi tal-liturġija tal-Ħdud u l-Festi ta' dawn iż-żminijiet kif dawn joħorġu mill-qari tal-quddiesa.

## ŻMIEN L-AVVENT

Għal ħafna nsara żmien l-Avvent huwa ż-żmien liturġiku li fih l-insara huma mistiedna jitħejjew spiritwalment għat-tifkira tal-miġja ta' l-Iben t'Alla fostna bħala Bniedem. U jieqfu hemm! Pero' fl-Avvent il-Knisja tistedinna nitfgħu l-ħarsa tal-fidi tagħna mhux biss fuq il-misteru tat-twelid tal-Mulej iżda wkoll fuq il-misteru tat-tieni miġja tiegħu fl-aħħar jum. Mela **ż-żmien ta' l-Avvent huwa żmien ta' stennija doppja:** l-istennija għaċ-ċelebrazzjoni liturġika ta' l-ewwel miġja tal-Mulej fl-għar ta' Betlehem u l-istennija għall-milja tat-tieni miġja tal-Mulej bħala Sultan u Mħallef fl-aħħar jum. Stennija doppja, **iżda mhux tħejjija doppja.** Infatti l-Knisja tgħallimna li mhemmx tħejjija aħjar għaċ-ċelebrazzjoni tal-Milied mit-tħejjija tagħna għall-miġja solenni ta' Kristu fl-aħħar jum.

Dan it-tagħlim tal-Knisja nsibuh rifless fil-qari tal-quddies ta' l-erba' Ħdud ta' l-Avvent, għalkemm b'aċċent divers. L-ewwel żewġt Iħdud, infatti, huma ċentrati l-aktar fuq it-tieni miġja: l-Ewwel Ħadd iġib quddiemna **t-tema ta' l-aħħar jum u l-ħtieġa li nishru bla heda,** waqt li t-Tieni Ħadd iqiegħed l-aċċent fuq **it-tħejjija tagħna għal dal-jum** skond it-twissija tal-Battista: "Ħejju t-triq tal-Mulej" (Mt 3).

It-tieni żewġt Iħdud huma ċentrati aktar fuq il-Milied, l-ewwel miġja tal-Mulej. Għalhekk fit-Tielet Ħadd il-Knisja tistedinna **nifirħu għax il-Mulej li ġej jinsab ġa fostna,** waqt illi fir-Raba' Ħadd il-Knisja **tintroduċina direttament fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni billi tirreferina għat-tħabbira ta' dan lil Ġużeppi (Sena A), lil Marija (Sena B) u lil Elizabetta (Sena C).**

## ŻMIEN IL-MILIED

Meta niċċelebraw il-quddiesa ta' lejlet il-Milied, l-Avvent ikun wasal fl-aħħar minuti tiegħu. U xi tħabbira tista' tagħmel il-Knisja f'din il-quddiesa aħjar mit-tħabbira li l-Iben t' Alla li ser jitwieled **ser ikun tassew bniedem u sejjer jidħol tassew biex isir parti mill-istorja tal-bnedmin.** Għalhekk fil-Vanġelu ta' din il-lejla l-Knisja tipproklama **l-ġenealoġija** ta' Ġesu: in-nisel tiegħu minn Abraham, minn David, minn Marija (Mt 1).

Iż-żmien liturġiku tal-Milied jibda mal-quddiesa ta'nofs il-lejl. L-akbar żewġ festi ta' dan iż-żmien huma Jum il-Milied u Jum l-Epifanija.

Is-**Solennita' tal-Milied** hija ċelebrata bi tliet quddisiet b'qari differenti għal kull waħda. Fil-quddiesa **ta' nofs il-lejl** issir it-tħabbira tat-twelid tal-Feddej (Lq 2, 1-14) li ġie mogħti (Is 9) għas-salvazzjoni ta' kulħadd (Tit 2). Fil-quddiesa **tas-sebħ** il-Knisja tiċċelebra l-ferħ li t-twelid ta' Ġesu ġab fost il-bnedmin li laqgħuh (Vanġelu tar-Rgħajja, Lq 2, 15s). Fil-quddiesa **ta' matul il-jum** il-liturġija tipproponi lill-insara biex jirriflettu fuq il-misteru kbir li għadu kif sehħ: "Il-Verb sar bniedem u għammar fostna!" (Ġw 1).

**Is-Solennita ta' l-Epifanija tal-Mulej** tagħtina okkażjoni sabiex nissoktaw nidħlu aktar fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u t-trasformazzjoni li din ġabet fil-ħolqien (fis-sema dehret Stilla Ġdida), fin-natura (l-Ilma mbidel f'Imbid Bnin) u fil-bniedem li fi Kristu sar Wild Alla. F'dan il-jum il-Knisja tagħmel tagħha l-kelmiet tas-Salm 71: "Il-ġnus kollha ta' l-art jagħtuk qima Mulej".

Solennita' oħra ta' dan iż-żmien liturġiku hija dik li ssir fl-Ottava tal-Milied **f'ġieħ Marija Omm Alla.** Din hi l-festa l-aktar antika tal-Madonna fil-Knisja ta' l-Occident. Din il-festa l-Knisja tistedinna niċċelebrawha bla ma ninjoraw fatturi oħra marbutin ma' l-ewwel ta' Jannar, jiġifieri l-ewwel tas-sena, iċ-ċirkonċiżjoni tal-Mulej, u l-għoti ta' l-isem Ġesu' lit-tarbija li twieldet f'Betlehem. Fis-solennita' marjana tal-lum, il-Knisja tiċċelebra l-maternita tal-Verġni Mbierka. Il-Vanġelu jdaħħalna mill-ġdid fil-għar

*ikompli f'paġna 7*

*"Inħoss li għandi niktbilkom biex infissrilkom l-apprezzament tiegħi għas-serata mill-isbaħ li tajtuna fil-Katidral ta' l-Imdina. Għalkemm is-serata saret f'ġieħ Dun Karm, żgur li intom sraqtu x-xena bil-vuċijiet 'tal-ġenna' tagħkom..."*

*TREVOR ZAHRA, 20/X/86, Wied il-Għajn, MALTA.*

*"I wonder whether Malta has ever produced a better combination of talented young singers and the Chapter of St.George's Basilica in Gozo must feel very proud to have them as a resident choir... The Laudate Pueri were impeccable and their singing was so smooth and oh so pleasant!"*

*R.J.C., 16/5/86, The Times.*

*"May I, also on behalf of my wife, thank you very heartily for your brilliant performance on the occasion of my daughter's wedding in the Metropolitan Cathedral of Malta..."*

*Chief Justice (Retd.) Prof. J. J.CREMONA, 27/V/86*



***Ritratt juri lill-Kor Laudate Pueri fl-ewwel dehra tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ Mejju 1976.***

# KOR "LAUDATE PUERI"

F'Ġunju li għadda l-Kor Laudate Pueri għalaq għaxar snin mit-twaqqif tiegħu. Kien waqt Konċelebrazzjoni pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi li l-Kor fetaħ il-ħidma tiegħu fi ħdan il-Bażilika Ġorġjana bil-quddiesa b'żewġ vuċijiet ta' C.Zammit li tmexxiet mis-seminarista, illum Fr. Joseph Farruġia. Kull min kien preżenti, fosthom il-kompajżan tagħna l-E.T. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, baqa' milqut mill-prefezzjoni li ntweriet fl-esekuzzjoni tal-quddiesa. Kif igħidu, il-ġurnata minn filgħodu turik!

Fi ftit żmien il-Kor beda juri sinjali ta' maturita' fl-interpretazzjoni, li tistennieha minn korijiet professjonali. Minn ta' quddiem fl-inkoraġġament lill-Kor li kien għadu jitwieled kien il-mibki Arċipriet Michael Cefai. Kien ammiratur kbir tal-Kor b'mod partikolari fl-esekuzzjoni tal-mużika polifinika 'a voci pari' u 'a voci dispari' fuq stil klassiku u neo-klassiku li dan il Kor introduċa biex jissollennizza b'mod l-aktar reliġjuż u dekoruż iċ-ċelebrazzjonijiet li fihom hu jieħu sehem fil-Bażilika ċittadina. Infatti, l-ispirazzjoni ta' l-għażliet tax-xogħolijiet li jinterpreta dan il-Kor Gorġjan hija dejjem ir-reliġjosita' intrinsika għan-natura tal-mużika magħżula. Hawnhekk il-ħsieb imur lejn Mons. Giuseppe Debrincat illi kien hu li ntroduċa l-Kor għax-xorta ta' mużika sagra li llum il-Laudate Pueri huma magħrufa għaliha u li nkoraġġixxa l-Kor billi gratuwitament offra karti tal-mużika biex jiġu esegwiti fil-Bażilika, karti illi fosthom jispikkaw kompożituri bħal Mons. Giuseppe Giardini Vella.

Fil-mużika sagra li jesegwixxi l-Kor minn ta' quddiem tiġi l-quddiesa 'a quattro voci dispari' ta' D. Bartolucci (d-Direttur Perpetwu tal-Kor tal-Cappella Sistina f'Ruma) li hi kapolavur ta' għaqda bejn il-Kant Gregorjan, li dejjem kien u baqa' l-ilsien uffiċjali tal-Knisja għall-linearita' axxetika u spiritwali li jevoka, u l-istil polifoniku klassiku ta' Pier Luiġi da Palestrina. Din il-quddiesa hija propju espressjoni konċiljari l-aktar awtentika tad-dokumenti dwar il-Liturġija 'Sacrosanctum Concilium'. Mhux biss. Ta' min isemmi l-kant polifoniku taż-żmien kwareżimali u b'mod partikolari tat-Tridu Paskwali li kulħadd jistenna. F'dan iż-żmien jiġu esegwiti Motetti fuq testi liturġiċi mmużikati minn A.Borroni, D. Stella, C. Casciolini, u anke mużika 'inedita' ta' D. Bartolucci, A. Anastasi u Joseph Vella.

Is-surmast direttur tal-Banda tas-soċjeta' filarmonika La Stella mhux l-ewwel darba li għoġbu jagħżel dan il-Kor biex jieħu sehem f'kunċerti mtellgħin minnu, anke b'kollaborazzjoni tal-German Maltese Circle, f' Malta u anke f' Għawdex. Rajna u smajna l-Kor jieħu sehem flimkien mal-'Choral Society' (Malta) f'kunċert mgħoti fl-1980 fil-Mediterranean Conference Centre li fih il-Kor kanta l-parti tat-Tfal fis-St. Nicholas Cantata ta' B. Brittem. Din kienet l-ewwel darba li dan il-Kor deher quddiem il-pubbliku f'Malta. Minn dak inhar 'l hawn, Joseph Vella ikkompona diversi xogħolijiet għal dan il-Kor, xogħolijiet li jixhdu l-ħila artistika għolja ta' dan il-kompożitur, iben il-parroċċa tagħna. Insibu l-Miserere Op. 37 u l-Missa Brevis Op. 40. Dawn ix-xogħlijiet saru f'kunċerti li fihom ha sehem ukoll il-Kor Akkademja f'Malta. Qalgħu l-għola tifħir tal-pubbliku preżenti u tal-kritiċi mużikali.

Fost il-ħidmiet li l-Kor iwettaq fil-parroċċa, ta' min isemmi l-kontribut li l-Kor jagħti matul il-festa tal-Patrun tad-Djoċesi tagħna, San Ġorġ Martri, kontribut li jara l-Kor impenjat f'kull mument ta' l-iżvolġiment tal-festa. Ċertament li wieħed mil l-isbaħ mumenti ta' glorja li bih dan il-Kor hu ġustament kburi hu l-Pontifikal Solenni mmexxi mill-E.T. l-Kardinal C. Ursi fl-okkażżjoni tal-Wasla tar-Relikwija għażiża u mirakolauża ta' San Ġorġ miżmuma fil-Bażilika Kostantinjana 'Al Velabro' f'Ruma. Il-Mexxej Spiritwali ta' l-Arċidjoċesi Partinopea stqarr li kien baqa' mistagħġeb bil-livell għoli tal-mużika u bid-dinjita' li kkaratterizżat iċ-ċelebrazzjoni liturġika.

Il-Kor ġie mistieden jieħu sehem f'diversi ċelebrazzjonijiet li saru f'parroċċi oħra fid-djoċesi tagħna, fosthom fil-parroċċa tal-Katidral, u anke fl-Arċidjoċesi ta'

*ikompli f'paġna 7*

## Il-Messaġġ ta' l-Arcipriet

Quddiem l-eluf u eluf ta' kartolini li matul dawn il-jiem li ġejjin jintbagħtu għand xulxin, inħossni ma nafx għandix nibki jew nifraħ.

Tafu għaliex?

Għaliex iħoss li għal ħafna u ħafna nies din tal-kartolini ma hijiex ħaġa oħra għajr drawwa li ssir mekkanikament, bla ma wieħed jieqaf jaħseb ftit il-motiv li għalih ikun bagħat dik il-kartolina.

Fuq kull kartolina aħna nixtiequ lil xulxin: IL-MILIED IT-TAJJEB. Nafu x'qed nixtiequ? U X'qed nagħmlu biex dik ix-xewqa tagħna ssir realta? X'qed nagħmel jien biex il-ferħ li xtaqt fil-Milied jibqa' jseħħ mal-ħabib jew ħabiba matul il-jiem kollha li jiġu wara?

Jeħtieġ l-ewwelnett li nkun mimli ferħ qaddis jien. Il-Milied għandu jkun għajn ta' ferħ għalija. Jeħtieġ li l-ferħ li jimla' il-qalbi f' dawk il-jiem ikun ferħ sincier, li ġej mill-fatt li Ġesu' sar bniedem għalija. Għalhekk għandi nifraħ fil-Milied; għalija dak il-jum hu jum ta' ħelsien mill-jasar tal-ħażin.

Issa biex Ġesu' nissel dan il-ferħ ġo fija kellu jsir bniedem bħali u bħalek. Sar bniedem biex resaq lejna u mliena bil-ferħ. Bħalha tpattija għal dan kollu li għamel Hu qed jistenna li aħna nkunu bnedmin b'qalb lejn għajrna. Mhux biss il-kartolina għandha tesprimi dak li nixtieq imma kull azzjoni li nwettaq.

Għalhekk, għeżież parruccani: ejjew naraw li lkoll kemm aħna matul il-jiem kollha tas-sena nkunu għajn ta' ferħ lejn kulħadd. Intajjru l-gdiedem u l-ħars ħażin, inwaqqfu l-ilsien itaqtaq u l-istejjer fuq ħaddieħor, noffru jdejna miftuħa beraħ u mhux magħquda ponn; naccettaw lil kulħadd, hi x'inhi l-fehma tiegħu.

B'hekk inkunu qed nuru li l-kartolina li bgħattna nafu xi tfisser.

U jien, flok kartolina, permezz tar-Rivista tagħna "IL-BELT VICTORIA", nixtieqilkom ilkoll

**MILIED QADDIS MIMLI FERĦ U PACI FIL-MULEJ**

## WIRJA DWAR IL-MISSJONIJIET



Fl-okkażżjoni tal-Ġurnata Missjunarja celebrata mad-dinja kollha nhar il-Ħadd 19 ta' Ottubru 1986, fic-Centru Parrokkjali tal-Parrocca tagħna ġiet imtellgħa wirja dwar il-Missjoni. F'din il-wirja wieħed seta' jara l-ħidma bla heda u bla nteress li jwettqu l-Missjunarji fid-Diversi partijiet tad-dinja. Kemm hemm ukoll tagħrif dwar il-Grupp Missjunarju Għawdxi li matul is-sajf iwettaq xi ħidma missjunarja f'xi pajjiż partikulari. Fil-wirja wieħed kellu fejn jara wkoll li anke d-Djocesi Għawdxija tat sehemha biex jixtered l-evanġelju mad-dinja u li ħafna sacerdoti u reliġjużi wettqu tabilħaq il-kmand ta' Sidna Ġesu' Kristu, "Morru u għallmu l-ġnus kollha". Il-wirja ġiet inawgurata u mbierka minn Mons Arcipriet Dun Salv Borġ.

## *IL-QNIEPEN TAL-BAŻILIKA*



Sakemm qiegħdin niktbu nistgħu ngħidu li x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-qniepen tal-Bażilika tagħna jinsab fi stat avanzat. Sakemm kien qed isir ix-xogħol meħtieġ fuq 'Il-Fonza' kellhom isiru wkoll tiswijiet f'qampiena oħra fl-istess kampnar. Fil-waqt li nirringrazzjaw lil kull min għen f'din il-bicca xogħol, nirringrazzjaw lil kulħadd għas-sehem li ta fil-ġabra b'risq dawn it-tiswijiet. Iżda il-Board Editorjal jixtieq fuq kollox jrodd ħajr lis-Sur Anton Żammit u lis-Sur Ġiġi Gauci għax-xogħol li għamlu.

*"Imberkin dawk li jaħdmu għall-paċi għax jissejħu wlied Alla".*

(Matt: 5, 9)



**6** **Bennejja tal-Paċi**

*Wasalna fi tmiem din is-serje qasira dwar nies li ħadmu u stinkaw sabiex il-paci u mhux il-vjolenza u l-mibgħeda, issaltan kullimkien. Ktibna fuq nies li anke jekk stess ma jħaddnux it-twemmin nisrani bħalna, ħassew huma wkoll il-bżonn li jaħdmu għall-paci. Uħud minnhom sa nqatlu għax ippriedkaw il-paci. Aħna dehrilna li bħala l-aħħar persunaġġ ma stajniex nagħżlu figura aktar adattata w attwali fuq il-paci mill-Papa preżenti.*

## ĠWANNI PAWLU II

Mhux la kemm taqbad u tikteb dwar il-ħidma bla serħan li Papa Wojtyla qed jagħmel sabiex ikun hawn is-sliem fost il-bnedmin. F'kull pajjiż li jżur, f'kull knisja u kappella, sew jekk f'xi pjazza jew villaġġ, sew jekk fil-quccata ta' muntanja jew ġol-medda tal-widien, dejjem l-istess messaġġ: PACI, PACI. Il-Papa jgħidilna li dan id-don t'Alla jiddependi mir-rieda tajba ta' kull bniedem. Alla ma jichadx il-paci tiegħu, joffriha lill-bnedmin u jafdaha f'idejn il-bnedmin. Imma kemm għadna l-bogħod! Fl-enciklika "Redemptor Hominis", il-Papa jesprimi s-sobgħa tiegħu li l-bniedem qiegħed jgħix dejjem aktar fil-biża' għax imdawwar b'theddid ta' gwerer li jxerrdu bilfors il-mewt, il-mard u t-tbatija fuq skala ġgantija u bi ħsarat irreparabbli.

Jekk irridu l-paci, irridu naħdmu għaliha. Ma hemmx paci, igħidilna l-Papa, f'dak il-bniedem li qalbu w moħħu maħkuma mill-egoiżmu, mir-rebgħa u mill- mibgħeda.



Ma hemmx paci f'dik il-familja fejn m'hemmx fiducja u rispett lejn il-miżżewġin. Ma hemmx paci f'dik is-socjeta' fejn il-fehmiet ta' kulħadd, ukoll fejn ma jaqblux bejniethom, jiġu rispettati. Iżda fuq kollox il-paci vera ma tistax issaltan f'dik il-qalb fejn Alla ma jiġix imħolli li jsaltan bil-liġijiet f'kollox u f'kull ħin.

Dan kollu l-Papa preżenti ilu jaħdem u jxandar dwaru minn kemm ilu li tela' fuq it tron ta' Pietru, f'Ottubru 1978. L-attentat li sar fuq ħajtu f'Mejju ta' l-1981 wera li mhux kulħadd lest li jilqa' l-istedina tiegħu għall-paci. Iżda hu xorta baqa' u jibqa' jaħdem biex f'qalb il-bniedem isaltan is-sliem. Fl-messaġġ li bagħat lill-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda nhar il-25 t'Awissu 1980 hemm miktub: "Biss b'bidla fil-qlub li l-aħwa jistgħu jibnu ġejjieni l-istess għall-bnedmin kollha u jtellgħu l-bini kbir u dejjiemi tal-paci".

Dan hu t-tifsir għoli ta' l-istedina li l-Papa qed jagħmlilna: stedina għat-tiġdid tal-qlub biex il-paci tagħmel l-egħruq fihom. Dan hu li talab biex iseħħ il-Papa f'Assisi nhar is-27 t'Ottubru li għadda. Jekk infittxu dak li jgħaqqadna u mhux dak li jifridna, xejn m'hemm li ma jistax isir.

### TISLIMA

Nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 1986 miet, fi Franza, Roger Mouviard, li flimkien ma' martu kien ingħaqad mal-Chorus Urbanus u kien jieħu sehem fis-servizz liturġiċi fil-Bażilika. Kien raġel mimli bi spirtu eżemplari, impenn u fervur spiritwali. Il-Chorus Urbanus ħa ħsieb jorganizza Konċelebrazzjoni għal ruħu nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru 1986.

Mulej agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

## BAZAAR

***tal-Ħelu u Pjanti***

*organizzat mill-Ladies Society*

Nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa

**11 u 12 ta' Diċembru 1986**

**fic-CENTRU PARROKKJALI**

### TBERIK TAL-PRESEPJI FID-DJAR

Ara d-dettalji fil-Programm dwar l-attivitajiet tal-Milied fil-Programm tagħna li ser jitqassam dalwaqt.

### *Ulied Ġodda fil-Parrocca*

6.9.86:
CYNTHIA bint Carmelo Saliba u Jane nee' Micallef
21.9.86:
DEBORAH bint Joseph Borg u Margaret nee' Xuereb
25.9.86:
MARYLYN bint Emanuel Attard u Joseph nee' Camilleri

### Daħlu qabilna fl-Eterenita':

27.9.86:
Carmela Cremona
24.10.86:
Marcella Cassar

### Ingħaqdu fiż-Żwieġ Nisrani

6.9.86: Charlotte Grech u Simon Said
13.9.86: Josephine Sammut u Paul Xuereb
14.9.86: Carmela Grech u Jimmy Gauci
21.9.86: Miriam Said u Bennie Sultana
18.10.86: Angela Cefai u Laurie Buttigieg

## GĦALIKOM TFAL
### Waqt li Qed Nikbru

Għeżież tfal,

Ftit taż-żmien ieħor u nkunu fix-xahar tal-Milied. Ilkoll kemm aħna nkunu diġa' qegħdin naħsbu għal din il-festa hekk kbira u sabiħa. Min jaħseb għall-presepju, min jaħseb għaż-żara', min jaħseb għall-kartolini biex jibgħathom lill-ħbiebu, min jaħseb xi 'presents' se jixtri lill-ġenituri tiegħu, lil ħutu u l-bqija, u min jaħseb għal ħaġa u min għal oħra.

Qegħdin taraw, tfal, kemm jgħaddi ħafif u jiġri ż-żmien. U intom tikbru, u forsi l-anqas tintebħu li qegħdin tikbru tant kemm jgħaddi malajr iż-żmien minn fuqkom.

U la qegħdin insemmu dil-ħaga, tfal, illum irrid ngħidilkom ftit 'hints' dwar x'għandkom tagħmlu waqt li tkunu qegħdin tikbru. Aqrawhom u studjawhom sewwa ħalli tkunu tistgħu tqegħduhom fil-prattika u tgħixuhom.



Waqt li tkunu qegħdin tikbru, tfal, jeħtieġ titgħallmu:

- iżżommu persuntkom dejjem fi stat tajjeb;
- tagħżlu dak l-ikel li jagħmlilkom ġid għal saħħitkom;
- tagħżlu l-moda li tgħodd għalikom;
- tikkontrollaw l-infieq tal-flus li jkollkom f'idejkom;
- ma taħlux il-ħin fix-xejn;
- il-ħbieb iżżommuhom u tittrattawhom ta' ħbieb;
- tkunu żguri minnkom infuskom;
- tkunu tafu żżommu taħdita interessanti;
- tkunu cittadini tajbin;
- iġġibu ruħkom tajjeb fil-pubbliku;
- tagħtu gost lill-oħrajn b'dak li tgħidu u tagħmlu;
- tfissru ruħkom tajjeb bil-kliem u bil-kitba;
- taccettaw il-fehma tal-oħrajn;
- tieħdu deciżjonijiet tajbin;
- tkunu membri tajbin tal-familji tagħkom;
- tippjanaw futur kemm jista' jkun adattat għalikom

Mela, waqt li nittama li dawn il-'hints' li tajtkom timxu fuqhom, nixtieqilkom Milied mill-iżjed hieni u qaddis u Sena Ġdida mimlija b'kull ġid u barka tas-Sema.

*Tata'.*
*Iz-Ziju Peppi.*

### IL-KOR 'LAUDATE PUERI'
*jaqbad minn paġna 4*

Malta, partikolarment fil-Katidral tal-Imdina u fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Kien mistieden biex ikanta waqt Koncelebbrazzjoni Solenni mmexxija mill-E.T. il-Kardinal Baġġio fl-okkażżjoni tal-festi centinarji Nazzjonali Marjani li saru fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

Dawn huma biss uħud mill-mumenti li fihom dan il-Kor tagħna kiseb isem għall-mużika tal-parrocca Ġorġjana, isem li sar sinonimu għal grad għoli ta' perfezzjoni interpretativa u eżekuzzjoni mill-aktar dixxiplinata u eleganti. Dawn il-kwalitajiet reġgħu certament dehru fl-akkademja f'ġieħ l-Arcipriet il-Ġdid Mons. Salv Borġ meta l-Kor esegwixxa xogħolijiet ta' Mozart, Arcadelt, Perosi u Bartolucci. Dawn il-kwalitajiet wara kollox aħna lkoll midħla tagħhom u jidhru ta' sikwit, specjalment waqt funzjonijiet liturġici importanti bħalma hu l-Pontifikal tal-Milied.

Il-kisba tal-livell għoli u professjonali tal-Kor hu mertu ta' Dun George Frendo li għal dawn l-aħħar snin qed imexxi l-Kor u ta' oħtu Miss Maria Frendo L.R.S.M, F.T.C.L, li mill-bidu kienet l-organista ta' dan il-Kor u tidħol flok ħuha fl-assenza tiegħu. Hu l-impenn ewlieni u kostanti tal-Kor li jissokta fit-triq li qabad, jiġifieri li joffri s-servizz tiegħu biex tissokta tikber il-mużika sagra fil-kuntest liturġiku kif ukoll jikkontribwixxi s-sehem tiegħu għall-approfondiment tal-kultura mużikali f'sens iktar wiesa'. Infatti bħalissa l-Kor qed iħejji għall-quddiesa S. Eduardi Regis tal-magħruf Don Licinio Refice. Propju għal din ix-xorta ta' mużika sagra, il-Bażilika tal-Qaddis dejjem rebbieħ hi magħrufa bħala l-ewlenija f'din il-gżira.

### STRUTTURA U TEMI TAL-LITURGIJA TAL-ĦDUD U L-FESTI TA' L-AVVENT U L-MILIED
*jaqbad minn paġna 3*

ta' Betlehem biex hemmhekk nikkontemplaw ix-Xebba - Omm (Lq 2, 16s) li biha Alla bierek il-ġens tal-bnedmin (Nm 6,22s) u għamel minnu wild kapaci jsejjaħlu "Abba, Missier!" (Gal 4,4s).

Żmien il-Milied jinkludi wkoll il-Ħadd fost l-ottava tal-Milied meta l-Knisja ticcelebra **l-Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesu'**, Marija u Ġużeppi, it-Tieni Ħadd ta' wara l-Milied meta l-Knisja tissottolinea l-Għerf t'Alla li ġie mogħti lilna fil-Verb Divin Magħmul Bniedem (il-liturġija ta' dan il-jum ma ssirx sakemm l-Epifanija tibqa' trasferita mis-6 ta' Jannar għall-Ħadd fuq l-ewwel ta' Jannar), u t-Tielet Ħadd fuq il-Milied meta ssir **il-Festa tal-Magħmudija tal-Mulej.**

**Dawn li semmejna huma fil-qosor it-temi liturġici li l-Knisja tipproponi għar-riflessjoni ta' l-insara fiż-żminijiet ta' l-Avvent u tal-Milied. F'dawn iż-żminijiet certament li Alla jxerred il-grazzji tiegħu bil-bosta. Li jonqos hu li aħna l-insara li neħtiġu dawn il-grazzji ma nħallux li dawn jkunu fiergħa għalxejn iżda nħaddmuhom, ħalli nidħlu dejjem aktar iżjed fil-misteru ta' Kristu u ż-żmien li aħna nqattgħu f'did-dinja jkun tassew żmien ta' grazzja u salvazzjoni.**

## Mother & Child Fair Fl-Astra



Il-Kumpless tat-Teatru Astra kien il-lokal l-aktar frekwentat bin-nies f'Għawdex bejn il-Gimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, 10, 11 u 12 t'Ottubru li għadda. Matul dawn il-jiem f'dan il-kupless inżamment wirja oħra bl-isem "Mother & Child Fair", li għaliha attendew mijiet kbar t'Għawdxin minn kull parti tal-gżira.

F'din il-wirja, li kienet it-tieni waħda organizzata f'dan il-lokal f'anqas minn seba' xhur, kien hemm diversi stands b'kull xorta ta' oġġetti u prodotti għall-użu tal-mara tad-dar, kif ukoll ħwejjeġ oġra ta' interess partikolari għat-tfal. Dawn kienu jinkludu toys, kotba, ħelu, tapiti, ħwejjeġ għall-kbar u ż-żgħar, oġġetti tac-ceramika, pjanti, 'imitation jewellery', 'sports-wear', arloġġi, etc.

Il-"Mother & Child Fair" ġiet imtella bl-inizzjattiva tal-Kumitat tas-Soc. La Stella tal-Belt Victoria.

## IL-FAMILJA MALTIJA '86

Grupp ta' sacerdoti mill-parrocca tagħna ha sehem fil-Kungress "Il-Familja Maltija '86" li ġie organizzat f'Malta, fl-Istitut Kattoliku, bejn it-23 u s-27 ta' Settembru 1986. Matul dan is-seminar dawk li attendew setgħu jaġġornaw ruħhom ma' l-aspetti kollha tal-familja maltija f'dawn iż-żminijiet u b'hekk ikunu iżjed preparati biex jgħinu l-familji tal-parrocca tagħna.

## It-8 ta' DICEMBRU IL-KUNCIZZJONI



* Is-solennità tat-Tnissil bla tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija qiegħda tassew f'postha fil-bidu ta' l-Avvent. Id-dehra sabiħa ta' Marija tferraħna qabel ma jferraħna t-Twelid ta' Binha Ġesù. Marija hi tassew il-bidu tal-ferħ tagħna għax, meta dehret hi, beda għalina ż-żmien il-ġdid tal-ħelsien mid-dnub.

* Meta wasal iż-żmien biex Alla jibgħat 'l Ibnu fid-dinja, qablu ħaseb f'dik li minnha kellu jieħu l-ġisem u jsir bniedem bħalna. Bit-tnissil tagħha bla ebda tebgħa tad-dnub ħejja l-għamara qaddisa kif tixraq lil Ibnu, li hu waħdu qaddis. Il-Mara mħabbra fil-Ġenesi biex flimkien ma' nisilha, li hu l-Messija Ġesù, tidħol fi ġlieda ma' l-awtur tad-dnub u ma' Binha toħroġ rebbieħa fuqu, kellha tkun hi wkoll bħalu bla dnub, u mqaddsa qabel it-tnissil tagħha.

* Id-dehra sabiħa ta' Marija, kollha safa u qdusija, tistedinna nishtu u noboghdu d-dnub u nħobbu dak kollu li hu safi, sabiħ u qaddis biex bħalha aħna wkoll inħejju ruħna għat-tweiid ta' Ġesù f'qalbna bil-grazzja tiegħu.

**IT-TALBA TA' LLUM**

*O Alla, mit-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija, int ħejjejt għamara xierqa għal Ibnek; kif int qist minn qabel il-merti ta' l-istess Ibnek, biex ħarist lill-Ommu minn kull tebgħa tad-dnub, agħmel li aħna, bit-talb tagħna, naslu safja għandek. Bi Kristu Sidna. Amen.*

# ĠIMGĦA TAL-PARROCCA
# 17 — 22 ta' NOVEMBRU 1986

## IL-MILIED FIL-PARROCCA TAGĦNA



*•Attivitajiet ġodda.....*
*• Novena għat-tfal u rigali kuljum.....*
*• Novena għal kulħadd aġġornata.....*
*• Presepju artistiku fiċ-Centru.....*
*• Tiżjin specjali fil-Knisja.....*
*• Attivitajiet għat-tfal.....*



***dan kollu, u iktar, isir aħjar jekk toffri l-għajnuna tiegħek għal xi attivita'.***

A&M PRINTING LTD. - 553217